SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

19 ta' Marzu 2009 *

Fil-Kawża C-275/07,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 226 KE, ippreżentat fit-8 ta' Ġunju 2007,

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentata minn G. Wilms, M. Velardo u D. Recchia, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

Ir-Repubblika Taljana, irrappreżentata minn I. M. Braguglia, bħala aġent, assistit minn G. Albenzio, avvocato dello Stato,

konvenuta,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn P. Jann, President tal-Awla, M. Ilešič, A. Borg Barthet (Relatur), E. Levits u J.-J. Kasel, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: V. Trstenjak,
Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-17 ta' April 2008,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-11 ta' Ġunju 2008,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li:

— billi rrifjutat li tħallas lill-Kummissjoni interessi moratorji fl-ammont totali ta' EUR 84 706 relatati mal-kontabbiltà tardiva tad-dazji doganali u billi rrifjutat li tadatta d-dispożizzjonijiet nazzjonali mal-leġiżlazzjoni Komunitarja f'dak li jikkonċerna

l-kontabbiltà tat-tranżazzjonijiet doganali mhux ikkontestati koperti minn garanzija totali fir-rigward ta' operazzjoni ta' tranżitu Komunitarju, u

— billi rrifjutat li tħallas lill-Kummissjoni interessi minħabba dewmien fl-ammont totali ta' EUR 3 322 relatati man-nuqqas ta' osservanza tat-termini stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Komunitarja għall-entrata tad-dazji doganali fil-kontabbiltà "A", fil-kuntest tal-operazzjonijiet ta' tranżitu skont il-Konvenzjoni doganali dwar it-trasport internazzjonali tal-merkanzija koperti mill-carnet tat-TIR (Konvenzjoni TIR), iffirmata f'Ġinevra (l-Isvizzera) fl-14 ta' Novembru 1975 (ĠU 1978, L 252, p. 2, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni TIR"),

ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1552/89, tad-29 ta' Mejju 1989, li jimplementa d-Deċiżjoni 88/376/KEE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet (ĠU L 155, p. 1), u b'mod partikolari tal-Artikolu 6(2)(a) tiegħu, li ġie sostitwit, b'effett mill-31 ta' Mejju 2000, mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000, tat-22 ta' Mejju 2000, li jimplementa d-Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 169) u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3)(a) tiegħu.

Il-kuntest ġuridiku

Il-Konvenzjoni TIR

2 Ir-Repubblika Taljana hija parti kontraenti mill-Konvenzjoni TIR, kif ukoll il-Komunità Ewropea li ġiet approvataha permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2112/78,

tal-25 ta' Lulju 1978 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 1, p. 208). L-imsemmija Konvenzjoni daħlet fis-seħħ għall-Komunità fl-20 ta' Ġunju 1983 (ĠU L 31, p. 13).

3 Il-konvenzjoni TIR tipprovdi, b'mod partikolari, li l-merkanzija ttrasportata taħt is-sistema TIR, li hija mwaqqfa minnha, mhijiex suġġetta għall-ħlas jew għad-depożitu ta' dazji u tat-taxxi fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni fl-uffiċċji doganali ta' tranżitu.

4 Għall-implementazzjoni ta' dawn il-faċilitajiet, il-Konvenzjoni TIR teħtieġ li l-merkanzija, waqt li jiġu ttrasportata, ikollha dokument uniformi, il-carnet TIR, li jservi sa biex tiġi kkontrollata r-regolarità tal-operazzjoni. Din teħtieġ ukoll li t-trasport isir taħt garanzija ta' assoċjazzjonijiet miftiehma mill-partijiet kontraenti, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 tagħha.

5 Il-carnet TIR huwa kompost minn sett ta' folji żgħar maqsuma f'parti Nru 1 u f'parti Nru 2, bil-mammiet korrispondenti tagħhom, li fuqhom tidher l-informazzjoni kollha meħtieġa, kull tnejn minn dawn il-partijiet kienu jintużaw għal kull territorju li jsir tranżitu minnu. Fil-bidu tal-operazzjoni ta' trasport, il-mamma Nru 1 għandha tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali tat-tluq; ir-rilaxx isir mar-ritorn tal-mamma Nru 2 mill-uffiċċju doganali tal-ħruġ li jinsab fl-istess territorju doganali. Din il-proċedura tirrepeti ruħha għal kull territorju li jsir tranżitu minnu, billi jintużaw tnejn minn dawn il-partijiet tal-folji li jinsabu fl-istess carnet. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni TIR, il-Komunità tikkostitwixxi territorju doganali wieħed u uniku.

6 L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni TIR jipprovdi b'mod partikolari:

"1. L-assoċjazzjoni li qed tiggarantixxi għandha [tintrabat li] tħallas id-dazji u t-taxxi ta' importazzjoni u esportazzjoni, flimkien ma' kull [interessi moratorji] li jkun baqa', dovuti skond il-liġijiet doganali u r-regolamenti tal-pajjiż li fih ġiet [irrilevata]

irregolarità f'konnessjoni ma' operat tat-TIR. Għandha tkun responsabbli, b'mod konġunt u [*in solidum*] mal-persuni [li minn għandhom huma dovuti s-somom imsemmija iktar 'il fuq], għal ħlas ta' dawn is-somom.

2. F'każijiet fejn il-liġijiet u r-regolamenti ta' [p]arti [k]ontraenti ma jipprovdux għal ħlas ta' dazji u taxxi ta' importazzjoni u esportazzjoni kif provdut f'paragrafu 1 hawn fuq, l-assoċjazzjoni li qed tiggarantixxi għandha [tintrabat li] tħallas, fuq l-istess kundizzjonijiet, somma ugwali għall-ammont ta' dazji u taxxi ta' importazzjoni jew esportazzjoni u [skont il-każ, l-interessi moratorji].

[…]

7. Meta jsir dovut ħlas ta' somom imsemmija f'paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritàjiet kompetenti għandhom safejn ikun possibbli jeżiġu ħlas mill-persuna jew persuni direttament responsabbli qabel ma [jippreżentaw ilment] kontra l-assoċjazzjoni li qed tiggarantixxi."

7 Skont l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni TIR:

"1. Fejn [carnet] tat-TIR ma jkunx ġie rilaxxat jew ikun ġie rilaxxat kundizzjonalment, l-awtoritàjiet kompetenti m'għandhomx ikollhom id-dritt [li jitolbu l-]ħlas tas-somom imsemmija fl-Artikolu 8 (1) u (2) mill-assoċjazzjoni li qed tiggarantixxi jekk, fi żmien sena mid-data ta' aċċettazzjoni tal-[carnet] tat-TIR minn dawk l-awtoritajiet, dawn ma jkunux infurmaw bil-miktub lill-assoċjazzjoni bin-nuqqas ta' rilaxx jew bir-rilaxx kundizzjonali. L-istess disposizzjoni tapplika ukoll fejn iċ-ċertifikat ta' rilaxx ikun inkiseb f'manjiera mhix xierqa jew bi frodi, minbarra li l-perjodu taż-żmien għandu jkun ta' sentejn.

2. [It-talba] għal ħlas tas-somom riferiti fl-Artikolu 8 (1) u (2) għandha ssir lill-assoċjazzjoni li qed tiggarantixxi l-aktar kmieni tliet xhur wara d-data li fiha l-assoċjazzjoni ġiet mgħarrfa li l-[carnet] [kien] [għadu] ma [ġiex rilaxxat] jew [ġie rilaxxat] kundizzjonalment jew li ċ-ċertifikat ta' tħassir ikun inkiseb f'manjiera mhix xierqa jew [bi frodi] u l-aktar tard mhux aktar minn sentejn wara dik id-data. Madanakollu, f'każijiet li, matul il-perjodu msemmi hawn fuq ta' sentejn, isiru s-suġġett ta' proċedimenti legali, kull [talba] għal ħlas għand[ha] [s]sir fi żmien sena mid-data li fiha d-deċiżjoni tal-qorti ssir infurzabbli.

3. L-assoċjazzjoni li qed tiggarantixxi għandu jkollha perijodu taż-żmien ta' tliet xhur, mid-data meta [talba] għal pagament issir fuqu, li fih jitħallsu l-ammonti [mitluba]. Is-somom [imħallsa] għandhom jiġu mħallsa lura (rimborsati) lill-assoċjazzjoni jekk, fi żmien sentejn wara d-data li fiha tkun saret [it-talba] għall-ħlas, ikun ġie stabbilit għas-sodisfazzjoni ta' l-awtoritàjiet doganali li l-ebda irregolarità ma ġiet kommessa f'konnessjoni ma' l-operat tat-trasport imsemmi."

Il-leġiżlazzjoni doganali Komunitarja

Ir-Regolament (KEE) Nru 2913/92

8 Skont l-Artikolu 92 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, p. 1, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali"):

"Il-proċedura ta' tranżitu estern għandha tintemm meta l-merkanzija u d-dokumenti korrispondenti jiġu prodotti fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni skond id-dispożizzjonijiet tal-proċedura konċernata."

9 Skont l-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali:

"1. Dejn doganali fuq l-importazzjoni għandu jiġi inkors permezz:

a) tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' wieħed mill-obbligi li jinqalgħu, fir-rigward ta' merkanziji soġġetti għal dazji fuq l-importazzjoni, mill-ħażna temporanja tagħhom jew mill-użu tal-proċedura doganali li taħtha jkunu tqiegħdu,

jew

b) tan-nuqqas ta' konformità ma' kondizzjoni li tirregola t-tqegħid tal-merkanziji taħt dik il-proċedura jew l-għoti ta' rata mnaqqsa jew mingħajr żieda ta' dazju fuq l-importazzjoni bis-saħħa ta' l-użu finali tal-merkanziji,

f'każijiet oħra barra dawk li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 203 ħlief meta jiġi stabbilit li dawk in-nuqqasijiet m'għandhom ebda effett sinifikanti fuq l-operazzjoni korretta tal-ħażna temporanja jew proċedura doganali konċernata.

2. Id-dejn doganali għandu jiġi inkors jew fil-mument meta l-obbligazzjoni li n-nuqqas ta' l-eżekuzzjoni tagħha tagħti lok għad-dejn doganali ma tiġix issodisfata jew fil-mument meta l-merkanziji jitqiegħdu taħt il-proċedura doganali involuta fejn jiġi stabbilit sussegwentement li kondizzjoni li tirregola t-tqegħid tal-merkanziji taħt l-imsemmija proċedura jew l-għoti ta' rata mnaqqsa jew mingħajr żieda ta' dazju fuq l-importazzjoni bis-saħħa ta' l-użu finali tal-merkanziji ma ġietx fil-fatt issodisfata.

3. Id-debitur għandu jkun il-persuna li tkun meħtieġa, skond iċ-ċirkostanzi, jew li tesegwixxi l-obbligazzjonijiet li joħorġu, fir-rigward ta' merkanziji soġġetti għal dazji fuq l-importazzjoni, mill-ħażna temporanja tagħhom jew mill-użu tal-proċedura doganali li taħtha jkunu tqegħdu, jew li tħares il-kondizzjonijiet li jirregolaw it-tqegħid tal-merkanziji taħt dik il-proċedura."

10 Skont l-Artikolu 217(1) tal-Kodiċi Doganali:

"Kull ammont ta' dazju fuq l-importazzjoni jew dazju fuq l-esportazzjoni li jirriżulta minn dejn doganali, minn hawn 'l isfel imsejjaħ 'ammont ta' dazju', għandu jiġi kalkolat mill-awtoritajiet doganali malli jkollhom id-dettalji neċessarji, u għandu jiddaħħal minn dawk l-awtoritajiet fil-kotba tal-kontijiet jew f'kull mezz ieħor ekwivalenti (dħul fil-kontijiet)."

11 L-Artikolu 221(1) tal-Kodiċi Doganali jipprovdi:

"Malli jkun iddaħħal fil-kontijiet, l-ammont ta' dazju għandu jiġi kkomunikat lid-debitur skond il-proċeduri li jkunu xierqa."

Ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93

12 Skont l-Artikolu 348 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament

tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' implementazzjoni"):

"1. L-uffiċċju tat-tluq għandu jaċċetta u jirreġistra d-dikjarazzjoni T1, jiffissa il-periodu li fih il-merkanzija għandha tiġi ppreżentata fl-uffiċċju tad-destinazzjoni u [jieħu] dawk il-miżuri għal identifikazzjoni li jħoss neċessarji.

2. L-uffiċċju tat-tluq għandu jagħmel iskrizzjoni tad-dettalji neċessarji fuq id-dikjarazzjoni T1, iżomm il-kopja proprja tiegħu u jirritorna l-oħrajn lill-prinċipal jew lir-rappreżentant tiegħu."

13 L-Artikolu 356 ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"1. Il-merkanzija u d-dokument T1 għandhom jiġu ppreżentati fl-uffiċċju tad-destinazzjoni.

2. L-uffiċċju tad-destinazzjoni għandu jirreġistra fuq il-kopji tad-dokument T1 id-dettalji tal-kontrolli mwettqa u għandu mingħajr dewmien jibgħat kopja lill-uffiċċju tat-tluq u jżomm il-kopja l-oħra.

[…]"

14 Skont l-Artikolu 379 tar-Regolament ta' implementazzjoni:

"1. Meta kunsinna ma tkunx ġiet ippreżentata fl-uffiċċju tad-destinazzjoni u l-post fejn il-ksur jew l-irregolarità ikunu saru ma jkunx jista' jiġi stabbilit, l-uffiċċju tat-tluq għandu jinnotifika lill-prinċipal b'dan il-fatt malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ qabel l-aħħar tal-11-il xahar wara d-data ta' reġistrazzjzoni tad-dikjarazzjoni ta' transitu Komunitarja.

2. Il-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha tindika, partikolarment, it-terminu li fih il-prova ta' irregolarità ta' l-operazzjoni ta' transitu jew il-post fejn attwalment ikunu saru il-ksur jew l-irregolarità għandha tingħata lill-uffiċċju tat-tluq għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet doganali. Dak it-terminu għandu jkun ta' tlett xhur mid-data tan-notifika msemmija fil-paragrafu 1. Jekk il-prova msemmija ma tkunx ġiet prodotta sa tmiem it-terminu, l-Istat Membru kompetenti għandu jieħu l-passi biex jirkupra d-dazji u piżijiet oħra nvoluti. F' każijiet meta dak l-Istat Membru ma jkunx dak li fih l-uffiċċju ta' tluq jinstab, dan ta' l-aħħar għandu immedjatament jinforma lill-Istat Membru imsemmi."

15 L-Artikolu 454 tar-Regolament ta' implementazzjoni jipprovdi:

"1. Dan l-Artikolu għandu japplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Konvenzjonijiet TIR u ATA li jikkonċernaw ir-responsabbiltà ta' l-assoċjazzjonijiet garanti meta jintuża carnet TIR jew ATA.

2. Meta jinstab li, matul jew in konnessjoni ma' operazzjoni tat-trasport imwettqa taħt kopertura ta' carnet TIR jew operazzjoni ta' transitu mwettqa taħt kopertura ta' carnet ATA, ikun sar ksur jew irregolarità f' xi Stat Membru partikolari, l-irkupru tad-dazji u piżijiet oħrajn li jistgħu ikunu pagabbli għandu jsir minn dak l-Istat Membru skond id-disposizzjonijiet Komunitarji jew nazzjonali, mingħajr preġudizzju għall-proċeduri kriminali.

3. Meta ma jkunx possibli li jkun iddeterminat it-territorju li fih ikunu saru il-ksur jew l-irregolarità, dan il-ksur jew irregolarità għandhom jitqiesu bħala li saru fl-Istat Membru fejn inkixfu sakemm fit-terminu stabbilit fl-Artikolu 455(1), ma tiġix ippruvata li l-operazzjoni kienet regolari jew fejn il-ksur jew l-irregolarità ikunu ġew kommessi għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet doganali.

[…]

L-amministrazzjonijiet doganali ta' l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jittrattaw kull ksur jew irregolarità biex jimponu penali effettivi."

16 Skont l-Artikolu 455(1) u (2) ta' dan ir-regolament:

"1. Meta jinstab li jkunu saru ksur jew irregolarità matul jew in konnessjoni ma' operazzjoni ta' trasport imwettqa taħt kopertura ta' carnet TIR jew operazzjoni ta' transitu imwettqa taħt kopertura ta' carnet ATA, l-awtoritajiet doganali għandhom jinnotifikaw lit-titolari tal-carnet TIR jew tal-carnet ATA u lill-assoċjazzjoni garanti fit-terminu preskritt fl-Artikolu 11(1) tal-Konvenzjoni TIR jew l-Artikolu 6(4) tal-Konvenzjoni ATA, skond il-każ.

2. Il-[p]rova ta' l-irregolarità fl-operazzjoni mwettqa taħt kopertura ta' carnet TIR jew ta' carnet ATA fis-sens ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 454(3) għandha tingħata fit-terminu preskritt fl-Artikolu 11(2) tal-Konvenzjoni TIR jew l-Artikolu 7(1) u (2) tal-Konvenzjoni ATA, skond il-każ."

Is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet

17 L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/376/KEE, Euratom, tal-24 ta' Ġunju 1988, dwar is-sistema ta' riżorsi tal-Komunitajiet innifishom (88/376/KEE, Euratom, ĠU L 185, p. 24; iktar 'il quddiem, id-"Deċiżjoni 88/376"), sostitwita, b'effett mill-1 ta' Jannar 1995, mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/728/KE, Euratom, tal-31 ta' Ottubru 1994 Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet (94/728/CE Euratom, ĠU L 293, p. 9; iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni 94/728") tipprovdi:

"Il-Komunitajiet għandhom ikunu allokati riżorsi [proprji] tagħhom infushom skond l-Artikoli li ġejjin sa biex jiżguraw l-iffinanzjar ta' l-estimi tagħhom.

L-estimi tal-Kommunitajiet għandu, irrispettivament minn dħul ieħor, ikun iffinanzjat totalment mir-riżorsi tal-Komunitajiet infushom."

18 Skont l-Artikolu 2(1)(b) tad-Deċiżjonijiet 88/376 u 94/728, dħul bħal dan li ġej għandu jikkonstitwixxi riżorsi tagħhom stess imdaħħla fil-bilanċ tal-Komunitajiet:

"it-tariffa doganali komuni u dazji oħrajn mwaqqfa jew li għandhom jiġu mwaqqfa mill-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet rigward il-kummerċ ma' pajjiżi li mhumiex membri u dazji fuq prodotti li jaqgħu taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar;"

19 Skont l-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjonijiet 88/376 u 94/728:

"Ir-riżorsi tal-Komunità nnifisha msemmijin fl-Artikolu 2(1)(a) u (b) għandhom ikunu miġbura mill-Istati Membri skond id-dispożizzjonijiet nazzjonali imposti b' liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva, li għandha, fejn xieraq, tkun addattata sabiex tilħaq ir-rekwiżiti tar-regoli tal-Komunità. Il-Kummissjoni għandha teżamina f'intervalli regolari d-dispożizzjonijiet nazzjonali kkomunikati lilha mill-Istati Membri, tittrasmetti lill-Istati Membri l-aġġustamenti neċessarji sabiex tiżgura illi dawn iħarsu r-regoli tal-Komunità u tirrapporta lill-awtorità ta' l-estimi. L-Istati Membri għandhom jagħmlu r-riżorsi taħt l-Artikolu 2(1)(a) sa (d) disponibbli għall-Kummissjoni."

20 It-tieni, it-tmien u t-tlettax-il premessa tar-Regolament Nru 1552/89 li huma simili għat-tieni, il-ħmistax-il u l-wieħed u għoxrin premessa tar-Regolament Nru 1150/2000, jipprovdu:

"(2) [b]illi l-Komunità għandu jkollha r-riżorsi tagħha proprji li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2 tad- Deċiżjoni 88/376/KEE, Euratom disponibbli bl-aħjar kondizzjonijiet possibli u għalhekk arranġamenti addizjonali għandhom ikunu preskritti għall-Istati li jipprovdu lill-Kummissjoni bir-riżorsi tagħha proprji allokati lill-Komunitajiet;

(8) [b]illi r-riżorsi proprji għandhom ikunu disponibbli f'għamla ta' dħul fl-ammonti dovuti f'kont miftuħ għal dan il-għan f'isem il-Kummissjoni mat-Teżor jew ma' korp maħtur minn kull Stat Membru; u li, sabiex ikunu ristretti l-movimenti talfondi għal dak li huwa meħtieġ għall-implementazzjoni tal-budget, il-Komunità

għandha tillimita lilha nnfisha għal ġbid mill-kontijiet imsemmija hawn fuq biss biex tkopri l-ħtiġiet tal-flus tal-Kummissjoni;

(13) Kollaborazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-applikazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament." [verżjoni mhux uffiċjali]

21 Skont l-Artikolu l tar-Regolamenti, rispettivament, Nru 1552/89 u Nru 1150/2000:

"Ir-riżorsi tagħha proprji tal-Komunità li hemm dispożizzjoni dwarhom [fid-Deċiżjonijiet, rispettivament, 88/376 u 94/728] minn hawn 'il quddiem msemmija bħala "ir-riżorsi tagħha propriji" għandhom ikunu disponibbli għall-Kummissjoni u ispezjonati kif speċifikat f'dan ir-Regolament, mingħajr preġudizju għar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89, tad-29 ta' Mejju 1989, dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud [ĠU L 155, p. 9] u tad-Direttiva 89/130/KEE, Euratom [tal-Kunsill, tat-13 ta' Frar 1989, dwar l-armoniżżazzjoni u il-kumpilazzjoni tal-prodott nazzjonali gross bi prezzijiet tas-suq (ĠU L 49, p. 26)]." [verżjoni mhux uffiċjali]

22 L-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1552/89 jipprovdi:

"1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament inkwistjoni, dritt tal-Komunitajiet fuq ir-riżorsi proprji msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 88/376/KEE, Euratom huwa kkonstatat meta l-ammont dovut huwa kkomunikat mis-servizz kompetenti tal-Istat Membru lid-debitur. Din il-komunikazzjoni sseħħ meta

d-debitur huwa magħruf u meta l-ammont tad-dazju jista' jiġi kkalkolat mill-awtoritajiet amministrattivi kompetenti, fl-osservanza tad-dispożizzjonijiet Komunitarji kollha applikabbli fil-qasam.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika meta l-komunikazzjoni trid tkun ratifikata." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

23 Din id-dispożizzjoni ġiet emendata, b'effett mill-14 ta' Lulju 1996, bir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, CE) Nru 1355/96, tat-8 ta' Lulju 1996 (ĠU L 175, p. 3), li l-kontenut tagħha ġie inkluż fl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1150/2000, li jipprovdi:

"1. Għall-iskop li jkun applikat dan ir-Regolament, l-intitolament tal-Komunità għar-riżorsi tagħha proprji msemmija fl-Artikolu 2(1)(a) u (b) tad-Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom għandhom ikunu stabbiliti malli l-kondizzjonijiet li hemm dispożizzjoni dwarhom bir-regolamenti tad-dwana jkunu twettqu rigward id-dħul għall-intitolament fil-kontijiet u n-notifikazzjoni tad-debitur.

2. Id-data tat-twaqqif li hemm referenza [għaliha] fil-paragrafu 1 għand[ha] tkun id-data tad-dħul fil-kotba tal-kontijiet li hemm dispożizzjoni dwarhom fir-regolament doganali.

[…]

4. Il-paragrafu 1 għandu jkun applikabbli meta notifika għandha tkun ikkorreġuta." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

24 L-Artikolu 6(1) u (2)(a) ta' dan ir-regolament Nru 1552/89 [li sar l-Artikolu 6(1) u (3)(a) u (b) tar-Regolament Nru 1150/2000] jipprovdi:

"1. Kontijiet għar-riżorsi tagħha proprji għandhom jinżammu mit-Teżor ta' kull Stat Membru jew minn korp maħtur minn kull Stat Membru u maqsum skond it-tipi ta' riżorsi.

2. a) Intitolamenti stabbiliti bi qbil ma' l-Artikolu 2 għandhom, bla ħsara għall-punt (b) ta' dan il-paragrafu, jiddaħlu fil-kontijiet [magħrufa bħala l-'kontijiet A'] mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xogħol wara d-19-il jum tat-tieni xhar tax-xahar ta' wara li matulu l-intitolament ikun stabbilit."

25 Skont l-Artikolu 8 tar-Regolamenti, rispettivament, Nru 1552/89 u Nru 1150/2000:

"Korrezzjonijiet li jitwettqu permezz [tal-Artikoli, rispettivament, 2(2) u 2(4)] għandhom jiżdiedu jew jitnaqqsu mill-ammont totali ta' intitolamenti stabbiliti. Dawn għandhom ikunu reġistrati fil-kontijiet kif speċifikat [fl-Artikoli, rispettivament, 6(2)(a) u (b) u 6(3)(a) u (b)] fl-istqarrijiet kif speċifikat [fl-Artikoli, rispettivament, 6(3) u 6(4)] bi qbil mad-data ta' dawn il-korrezzjonijiet.

Korrezzjonijiet rigward każijiet ta' frodi u irregolaritajiet diġa notifikati lill-Kummissjoni għandhom ikunu aċċennati."

26 Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolamenti Nru 1552/89 u Nru 1150/2000:

"Skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 10, kull Stat Membru għandu jikkredita r-riżorsi tiegħu proprji fil-kont miftuħ f'isem il-Kummissjoni mat-Teżor tiegħu jew mal-korp li jkun ħatar."

27 L-Artikolu 10(1) tar-Regolamenti, rispettivament, Nru 1552/89 u Nru 1150/2000 jipprovdi kif ġej:

"Wara tnaqqis ta' 10 % bħala spejjeż tal-ġbir bi qbil ma' l-Artikolu 2(3) [tad-Deċiżjonijiet, rispettivament, 88/376 u 94/728], [ta' dawn id-deċiżjonijiet], id-dħul tar-riżorsi tagħha proprji msemmija fl-Artikolu 2(1)(a) u (b) ta' [dawn id-Deċiżjonijiet] għandu jseħħ mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xogħol wara d-19-il jum tat-tieni xahar ta' wara x-xahar li fih l-intitolament kien ġie stabbilit bi qbil ma' l-Artikolu 2 […]."

28 Skont l-Artikolu 11 tar-Regolamenti Nru 1552/89 u Nru 1150/2000:

"Kull dewmien biex isir id-dħul fil-kont msemmi fl-Artikolu 9(1) għandu jagħti bidu għal pagament ta' interessi mill-Istat Membru kkonċernat bir-rati ta' l-imgħax applikabbli fis-suq monetarju ta' dak l-Istat, fid-data li suppost ikun seħħ, għal operazzjonijiet ta' żmien qasir ta' finanzjament pubbliku, miżjud b'żewġ punti perċentwali. Din ir-rata għandha tkun miżjuda bi 0,25 ta' punt perċentwali għal kull xahar ta' dewmien. Ir-rata miżjuda għandha tkun applikata għal perjodu kollu tad-dewmien."

29 Skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolamenti Nru 1552/89 u Nru 1150/2000:

"Il-Kummissjoni għandha tiġbed mis-somom ikkreditati fil-kontijiet msemmija fl-Artikolu 9(1) sal-limiti meħtieġa biex tkopri l-ħtiġiet tagħha għal riżorsi ta' flus li joriġinaw mill-implementazzjoni tal-budget."

30 L-Artikolu 17(1) u (2) tar-Regolamenti Nru 1552/89 u Nru 1150/2000 jipprovdu:

"1. [L-Istati] Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jassiguraw li l-ammont korrispondenti ta' l-intitolament [stabbilit] permezz ta' l-Artikolu 2 isir [disponibbli] lill-Kummissjoni kif speċifikat f'dan ir-Regolament.

2. [L-Istati] Membri għandhom ikunu ħielsa mill-obligi li jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-ammonti li jikkorrispondu ma' l-intitolament stabbilit [biss] jekk, għal raġunijiet ta' force majeure, dawn l-ammonti ma jkunux ġew miġbura. [Barra minn hekk], Stati Membri jistgħu jinjoraw din l-obligazzjoni biex jagħmlu ammonti bħal dawn disponibbli lill-Kummissjoni f'każijiet speċifiċi jekk, wara studju komplet taċ-ċirkostanzi relevanti kollha tal-każ individwali, jkun jidher li l-irkupru jkun impossibli għal żmien fit-tul minħabba raġunijiet li ma jkunux jistgħu jiġu attribwiti lilhom. […]"

Il-proċedura prekontenzjuża

Il-proċedura ta' ksur Nru 2003/2241

31 Fil-kuntest ta' stħarriġ li sar fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali matul April tal-1994, il-Kummissjoni kkonstatat li, f'ċerti każijiet ta' tranżitu Komunitarju, ir-Repubblika Taljana ma kinitx wettqet il-proċedura ta' rkupru tad-dazji fit-terminu stabbilit u dan bi ksur tal-Artikolu 379 tar-Regolament ta' implementazzjoni.

32 Permezz ta' ittra tal-15 ta' Ġunju 2001, il-Kummissjoni talbet, skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 1150/2000, lir-Repubblika Taljana tħallas l-ammont ta' ITL 31 564 893 f'interessi moratorji relatati mal-fajls ta' tranżitu allegatament illegali.

33 Fid-dawl ta' investigazzjoni li saret mir-Repubblika Taljana, ġie stabbilit li fost 201 dokument ta' tranżitu kkunsidrati bħala mhux rilaxxati, ħdax minnhom kienu effettivament rilaxxati, minkejja li ġew ikkomunikati mill-uffiċċju tat-tluq barra mit-termini stabbiliti mil-liġi. F'dawn iċ-ċirkustanzi, dan l-Istat Membru, permezz ta' nota tal-31 ta' Lulju 2001, iddikjara li kien dispost li jħallas l-interessi moratorji relatati mad-dokumenti ta' tranżitu li ma kinux rilaxxati, filwaqt li kkontesta l-leġittimità tal-allegazzjoni tal-Kummissjoni rigward il-rilaxx li sar tardivament.

34 F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Taljana indikat li, peress li d-dokumenti ta' tranżitu kienu ġew ippreżentati fil-ħin lill-uffiċċju doganali destinatarju, ma nħoloq ebda dejn doganali skont l-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali. Konsegwentement, ebda interessi moratorji ma kienu dovuti.

35 Sussegwentement, il-Kummissjoni kkonstatat każ ieħor ta' rilaxx tardiv, li wassalha sa biex temenda l-ammont totali tal-interessi moratorji li talbet li jitħallsu min-naħa tar-Repubblika Taljana.

36 Peress li l-Kummissjoni kkontestat l-argument ta' dan l-Istat Membru u peress li dan tal-aħħar ikkonferma mill-ġdid ir-rifjut tiegħu li jwettaq il-ħlas tal-imsemmija interessi, il-Kummissjoni, fit-3 ta' Frar 2004, indirizzat ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika Taljana, li fiha tenniet l-ilmenti tagħha u ċaħdet l-argumenti ppreżentati minn dan l-Istat Membru.

37 Peress li r-Repubblika Taljana żammet il-pożizzjoni tagħha fit-tweġiba tagħha tat-8 ta' Ġunju 2004, fil-5 ta' Lulju 2005, il-Kummissjoni indirizzat opinjoni motivata li fiha stiednitha tieħu l-miżuri neċessarji sa biex tikkonforma ruħha mal-opinjoni motivata f'terminu ta' xahrejn b'effett min-notifika tagħha.

38 Bħala tweġiba għall-opinjoni motivata, dan l-Istat Membru kkonferma mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu u indika li kien iqis xieraq, sa biex tiġi deċiża l-kwistjoni, li tingħata deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-proċedura ta' ksur Nru 2006/2266

39 Fuq il-bażi ta' ittra tar-Repubblika Taljana indirizzata lill-Qorti tal-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej fis-27 ta' Jannar 1999, il-Kummissjoni identifikat sensiela ta' erba' operazzjonijiet ta' tranżitu Komunitarju rregolati mill-Konvenzjoni TIR mhux ikkontestati u koperti minn garanzija totali, li fir-rigward tagħhom hija qieset li l-verifika kienet diġà saret barra mit-terminu previst mir-Regolament Nru 1552/89.

40 Konsegwentement, il-Kummissjoni talbet mingħand ir-Repubblika Taljana l-ħlas ta' interessi moratorji għal perijodu bejn il-mument li fih ir-riżorsi tagħha proprji kellhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni sad-data li fiha dan l-Istat Membru seta' jwettaq l-korrezzjoni korrispondenti wara l-korrezzjoni tan-notifika tad-debitur.

41 Bħal ma ġie espost fir-rigward tal-proċedura ta' ksur Nru 2003/2241, ir-Repubblika Taljana rrifjutat li tħallas l-imsemmija imgħaxjiet għal dewmien. Hija sostniet li, finnuqqas ta' dejn doganali u għaldaqstant, ta' obbligu prinċipali, il-ħlas ta' interessi moratorji kien indebitament jemenda n-natura legali tagħhom billi jassimilhom ma' miżura ta' sanzjoni marbuta mal-ksur formali tat-termini imposti mir-Regolament Nru 1552/89 għall-iżvolġiment tal-operazzjonijiet previsti minnu.

42 Fl-4 ta' Lulju 2006, il-Kummissjoni indirizzat ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika Taljana li fiha talbet il-ħlas ta' interessi moratorji fl-ammont ta' EUR 3 322.

43 Peress li ma rċevietx osservazzjonijiet min-naħa ta' dan l-Istat Membru fit-terminu stabbilit, il-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata fit-12 ta' Ottubru 2006, li fir-rigward tagħha r-Repubblika Taljana rrispondiet permezz ta' nota tat-12 ta' Diċembru 2006. Din tal-aħħar qablet li tiġi ppreżentata domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja konġuntament mal-kawża li kellha bħala suġġett il-proċedura ta' ksur Nru 2003/2241.

44 F'dawn il-kundizzjonijiet, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta dan ir-rikors.

Fuq ir-rikors

L-argumenti tal-partijiet

45 Il-Kummissjoni ssostni li kien hemm ksur tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 1552/89 kemm fil-kuntest tal-proċedura ta' ksur Nru 2003/2241 kif ukoll f'dak tal-proċedura ta' ksur Nru 2006/2266.

46 Fir-rigward tal-proċedura ta' ksur Nru 2003/2241, il-Kummissjoni qabelxejn issostni li, fil-każ fejn l-uffiċċju doganali ta' tluq ma rċeviex il-prova ta' verifika ta' operazzjoni fl-iskadenza tal-perijodu stabbilit fl-Artikolu 379 tar-Regolament ta' implementazzjoni, l-operazzjoni inkwistjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala illegali u għalhekk, twassal għal dejn doganali. Ir-rwol prinċipali kemm fil-konstatazzjoni kif ukoll tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tar-riżorsi Komunitarji għandu jsir mill-uffiċċju doganali tat-tluq, b'mod li ma jistax jiġi validament invokat, bil-għan li jiġu annullati b'effett retroattiv l-obbligi imposti lill-Istati Membri skont l-Artikolu 379 tar-Regolament ta' implementazzjoni, il-fatt li l-uffiċċju ta' destinazzjoni nnotifika tardivament l-wasla regolari tal-merkanzija.

47 Il-Kummissjoni ssostni li t-termini imposti mil-leġiżlazzjoni Komunitarja huma finali, u dan skont l-għan tagħha, li huwa l-applikazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-irkupru tad-dazji doganali fl-interess ta' tqegħid għad-dispożizzjoni malajr tar-riżorsi kkonċernati. L-Istat Membru kompetenti għandu jistabbilixxi r-riżorsi tiegħu proprji, anki meta jikkontesta l-fondatezza tagħhom, inkella jkun hemm riskju li jippreġudika l-prinċipju tal-bilanċ finanzjarju tal-Komunitajiet.

48 Minn dan il-Kummissjoni tiddeduċi li, meta t-termini previsti fl-Artikolu 379 tar-Regolament ta' implementazzjoni jkunu skadew mingħajr ma tkun ġiet ippreżentata prova tar-regolarità tal-operazzjoni ta' tranżitu, l-Istat Membru kompetenti huwa marbut, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1552/89, li jdaħħal mingħajr dewmien

id-dazji mhux ikkontestati u koperti b'garanzija fil-kontabbiltà "A", u għalhekk li jqiegħdom għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 10 tal-imsemmi regolament.

49 Sussegwentement, il-Kummissjoni tinvoka l-kliem tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 1552/89 sa biex issostni li l-obbligu, għall-Istat Membru kkonċernat, li jħallas l-interessi jirriżulta mis-sempliċi nuqqas ta' entrata jew mill-entrata tardiva tal-imsemmija dazji, indipendentement minn kull kundizzjoni oħra.

50 Fir-rigward tal-argument tar-Repubblika Taljana li l-interessi moratorji relatati mal-operazzjonijiet inkwistjoni mhumiex dovuti peress li ma kien qatt inħoloq id-dejn doganali, il-Kummissjoni qabelxejn issostni li l-kliem tal-Artikolu 379 tar-Regolament ta' implementazzjoni fil-fatt jipprovdi bil-kontra, jiġifieri li l-ħolqien tad-dejn doganali jista' jkun marbut ma' waħda miż-żewġ kundizzjonijiet strutturali li huwa jipprovdi, jiġifieri kemm l-eżistenza ta' operazzjoni doganali irregolari, kif ukoll in-nuqqas min-naħa tad-debitur, li jippreżenta prova tar-regolarità ta' tali operazzjoni.

51 Sussegwentement, il-Kummissjoni ssostni li l-interessi moratorji imsemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 1552/89 mhumiex l-interessi dovuti mid-debitur wara l-ħlas tardiv tad-dazji, iżda l-interessi moratorji dovuti direttament mill-Istat Membru minħabba s-sempliċi fatt ta' nuqqas ta' entrata jew ta' entrata tardiva tad-dejn doganali. Minħabba dan il-fatt, in-nuqqas tal-Istat Membru jinħoloq mill-mument tan-nuqqas ta' entrata fil-kontabbiltà, u mhuwiex rilevanti f'dan ir-rigward il-fatt li t-talba pekunarja relatata mad-dazji tkun jew le infurzata sussegwentement fir-rigward tad-debitur.

52 Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkontesta l-argument li l-fatt li jintalab il-ħlas tal-interessi moratorji filwaqt li, meta seħħ rilaxx tardiv, l-operazzjonijiet ta' tranżitu ġew identifikati bħala regolari, jagħti lil dawn tal-aħħar natura sanzjonali. F'dan ir-rigward, hija ssostni li l-imsemmija interessi jirriżultaw mis-sempliċi ksur tal-obbligi previsti mil-leġiżlazzjoni Komunitarja, mingħajr ma huwa neċessarju li jkun hemm dannu pekunarju subit.

53 Fil-kuntest tal-proċedura ta' ksur Nru 2006/2266, il-Kummissjoni ssostni li, meta skada t-terminu previst fl-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni TIR, l-uffiċċju doganali ta' tluq tal-merkanzija kien imissu wettaq l-irkupru.

54 Fil-fatt, meta l-uffiċċju doganali ta' tluq ma jkunx irċieva l-prova ta' verifika tal-operazzjonijiet fil-perijodu ta' ħmistax-il xahar b'effett mit-teħid tal-inkarigu tal-carnet TIR mill-imsemmi uffiċċju, dawn l-operazzjonijiet għandhom jiġu ddikjarati irregolari u, għalhekk, għandhom iwasslu għal dejn doganali.

55 Il-Kummissjoni ssostni wkoll li, f'dan il-każ, l-Istat Membru għandu l-obbligu li jikkonstata dritt tal-Komunitajiet fuq ir-riżorsi tiegħu proprji, skont l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1552/89, peress li l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti huma fil-pożizzjoni li jikkalkolaw l-ammont tad-dazju li jirriżulta mid-dejn doganali u jidentifikaw lid-debitur. Madankollu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, teżisti preżunzjoni li l-awtoritajiet li jinsabu fl-Istat Membru minn fejn titlaq il-merkanzija huma kompetenti sa biex jirkupraw id-dejn doganali.

56 Minn dan, il-Kummissjoni tiddeduċi li, fil-każijiet ikkontestati f'din il-kawża, ir-Repubblika Taljana kellha tikkonstata d-dazju fuq ir-riżorsi tagħha proprji u ddaħlu fil-kontabbiltà "A" mhux aktar tard mill-ewwel jum ta' xogħol wara d-19 tat-tieni xahar wara dak li matul tiegħu ġie kkonstatat id-dazju. Hija ssostni ukoll li, barra minn hekk, dan l-Istat Membru kellu jwettaq l-irkupru skont l-Artikolu 11(2) tal-Konvenzjoni TIR, sa biex iqiegħed ir-riżorsi tiegħu proprji, malajr u effettiv, għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni.

57 F'dawn il-kundizzjonijiet, il-Kummissjoni titlob li jingħatawlha, fil-kuntest taż-żewġ proċeduri ta' ksur imsemmija iktar 'il fuq, l-interessi applikabbli għall-perijodu bejn il-mument li fih ir-riżorsi tagħha proprji kellhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħha u d-data li fiha r-Repubblika Taljana setgħet tagħmel il-korrezzjoni korrispondenti wara l-korrezzjoni tan-notifika lid-debitur, skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 1552/89.

58 Ir-Repubblika Taljana, wara li fakkret il-kliem tal-Artikolu 379 tar-Regolament ta' implementazzjoni, tenfasizza li r-regolarità tal-operazzjonijet ta' tranżitu kkonċernati mhijiex ikkontestata u li l-prova tar-regolarità tagħhom ingħatat fil-ħin, b'mod li ma setax ikun hemm kwistjoni ta' dewmien fl-irkupru tad-dazji dovuti lill-Komunità. Minn dan l-Istat Membru jiddeduċi li mhumiex issodisfati l-kundizzjonijiet tal-obbligu li jitħallsu interessi moratorji, skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 1150/2000, li jagħmel referenza għal "[k]ull dewmien biex isir id-dħul fil-kont", filwaqt li, fil-kawża preżenti, ma sar ebda dħul.

59 Ir-Repubblika Taljana ssostni ukoll li l-Komunità ma ssubixxiet ebda dannu fid-dawl ta' nuqqas ta' fondi Komunitarji li għandhom jiġu rkuprati, peress li skont din, l-operazzjonijiet ta' tranżitu twettqu regolarment. F'dan ir-rigward, hija tindika li l-kwistjoni hija li jsir magħruf jekk l-obbligu aċċessorju relatat mal-interessi moratorji jistax jinħoloq minkejja nuqqas ta' obbligu prinċipali.

60 Barra minn hekk, dan l-Istat Membru jsostni li ebda dewmien ma jista' jiġi allegat fil-konfront tal-amministrazzjoni kompetenti fl-irkupru tad-dazji u li l-komunikazzjoni tardiva tal-verifika effettiva tal-operazzjonijiet lill-organi Komunitarji hija dovuta għad-dewmien tal-uffiċċji ta' destinazzjoni li jittrażmettu l-informazzjoni.

61 Barra minn hekk, l-imsemmi Stat Membru jindika li ċ-ċirkustanzi meta seħħew il-fatti, jiġifieri d-diffikultajiet tal-iffunzjonar li kien hemm fil-kuntest tas-sistema ta' tranżitu Komunitarja wara t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea lil ċerti Stat Membri tal-EFTA, wasslu għal perijodu ta' dewmien ġenerali fir-rinviju tal-"kopja 5". F'dan il-kuntest, l-uffiċċji doganali Komunitarji ta' tluq kienu kkunsidraw li kien loġiku, fin-nuqqas ta' elementi li jimplikaw irregolarità li tkun ġiet imwettqa, li ma jipproċedux immedjatament għall-irkupru tat-taxxa, u dan sa biex jiġi evitat li jkun hemm ir-rimbors ta' tali somom, jekk kien ikkonstatat li l-operazzjoni kienet regolari u li d-dewmien kien dovut, kif inhu l-każ fil-kawża preżenti, għal sempliċi żball amministrattiv.

62 Fl-aħħar nett, ir-Repubblika Taljana ssostni li t-talba għal ħlas ta' interessi moratorji f'każ bħal dan timplika li dawn l-interessi jingħataw funzjoni ta' sanzjoni li huma ma jistgħux ikollhom.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

63 Il-Kummissjoni ssostni li r-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha imposti mir-Regolament Nru 1552/89, u b'mod partikolari mill-Artikolu 6(2)(a). Hija tallega, b'mod partikolari, li dan l-Istat Membru rrifjuta li jħallasha interessi moratorji relatati, minn naħa, mall-kontabbiltà tardiva tad-dazji doganali li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' tranżitu Komunitarju u, min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' osservanza tat-termini stabbiliti mil-leġiżlazzjoni Komunitarja, għall-entrata tad-dazji doganali fil-kontabbiltà "A" fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tranżitu skont il-Konvenzjoni TIR.

64 Skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1552/89, l-Istati Membri għandhom iżommu kontabbiltà tar-riżorsi tagħhom proprji mat-Teżor pubbliku jew ma' korp magħżul minnhom. Skont l-Artikolu 6(2)(a), l-Istati Membri għandhom jinkludu fil-kontabbiltà, id-dazji "ikkonstatati skont l-Artikolu 2" tal-istess Regolament, mhux aktar tard mill-ewwel jum ta' xogħol wara d-19-il jum tat-tieni xahar wara dak li matul tiegħu ġie kkonstatat dan id-dritt.

65 Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1552/89, dritt tal-Komunitajiet fuq ir-riżorsi proprji huwa kkonstatat malli l-ammont dovut huwa kkomunikat mis-servizz kompetenti tal-Istat Membru lid-debitur. Il-komunikazzjoni lid-debitur għandha ssir malli l-awtoritajiet doganali kompetenti jkunu f'pożizzjoni li jakkalkulaw l-ammont tad-dazju li jirriżulta minn dejn doganali u li jidentifikaw id-debitur (sentenza tal-15 ta' Novembru 2005, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka, C-392/02, Ġabra p. I-9811, punt 61).

66 Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 1152/89, kull dewmien fl-entrata tal-kontabbiltà previst fl-Artikolu 9(1) tal-istess regolament jagħti lok għall-ħlas, mill-Istat Membru kkonċernat, ta' interess applikabbli għall-perijodu kollu ta' dewmien. Dawn l-interessi huma dovuti indipendentement mir-raġuni għad-dewmien li bih dawn ir-riżorsi tqiegħdu fil-kontabbiltà tal-Kummissjoni (ara s-sentenza tal-14 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, C-460/01, Ġabra p. I-2613, punt 91).

67 F'dawn il-kundizzjonijiet, għandu jiġi vverifikat jekk ir-Repubblika Taljana kinitx marbuta li tikkonstata l-eżistenza ta' drittijiet tal-Komunitajiet fuq ir-riżorsi proprji u li ddaħħalhom fil-kontabbiltà prevista fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1552/89 u, f'każ ta' risposta pożittiva, jekk għandhiex tħallas interessi moratorji skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament.

Dwar l-eżistenza ta' dritt tal-Komunitajiet fuq ir-riżorsi proprji

68 Fil-kuntest tat-tranżitu Komunitarju estern, l-awtoritajiet doganali huma fil-pożizzjoni li jikkalkolaw l-ammont tad-dazji u jiddeterminaw id-debitur mhux aktar tard mill-iskadenza tat-terminu ta' tliet xhur stabbilit fl-Artikolu 379(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni, jiġifieri mhux aktar tard mill-iskadenza tat-terminu ta' erbatax-il xahar wara d-data tar-reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu Komunitarju (ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, iċċitata iktar 'il fuq, punt 71). Konsegwentement, huwa mhux aktar tard minn din id-data li għandu jiġi kkonstatat id-dritt tal-Komunitajiet fuq ir-riżorsi proprji.

69 Fil-kuntest tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija koperta bil-carnets TIR, jirriżulta mill-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni TIR li dan huwa l-każ mhux aktar tard mill-iskadenza ta' terminu ta' tliet snin b'effett mid-data tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-carnet TIR minn dawn l-awtoritajiet.

70 F'dan il-każ, huwa paċifiku li, kemm fil-kuntest tal-proċedura ta' ksur Nru 2003/2241 kif ukoll fil-proċedura ta' ksur Nru 2006/2266, li l-kunsinni ġew ippreżentati fil-ħin lill-uffiċċju ta' destinazzjoni, filwaqt li madankollu dan tal-aħħar naqas milli jibgħat immedjatament lill-uffiċċju ta' tluq id-dokumenti li jagħtu prova tar-regolarità tal-operazzjonijiet.

71 Madankollu, l-Artikolu 379(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni jipprovdi li, meta "kunsinna ma tkunx ġiet ippreżentata fl-uffiċċju tad-destinazzjoni", l-uffiċċju ta' tluq għandu jinnotifika lill-prinċipal, filwaqt li, skont l-Artikolu 455(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni, u l-Artikolu 11(1) tal-Konvenzjoni TIR, fil-każ ta' nuqqas ta' tħassir ta' carnet TIR, l-awtoritajiet doganali għandhom jinnotifikaw il-proprjetarju tal-carnet TIR.

72 Minn dan, ir-Repubblika Taljana tiddeduċi li ebda dejn doganali ma nħoloq, b'mod li m'hemmx kwistjoni ta' dewmien fl-irkupru tad-dazji dovuti lill-Komunità.

73 Argument bħal dan għandu jiġi miċħud.

74 Minn naħa, għandu jiġi mfakkar li l-Artikolu 356 tar-Regolament ta' implementazzjoni jipprovdi li, fil-każ fejn merkanzija tkun ġiet ippreżentata lill-uffiċċju ta' destinazzjoni, dan "għandu mingħajr dewmien jibgħat kopja [tad-dokument T1] lill-uffiċju tat-tluq".

75 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi mfakkar li huwa l-uffiċċju ta' tluq li għandu jinnotifika lid-debitur bl-irregolarità tal-operazzjoni ta' tranżitu, skont l-Artikolu 379(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni.

76 Minn dan isegwi li, kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 66 tal-konklużjonijiet tagħha, din id-dispożizzjoni għandha tiġi mifhuma mill-perspettiva tal-uffiċċju tat-tluq, jiġifieri li jekk dan ma jkunx ġie infurmat bil-preżentazzjoni tal-kunsinna lill-uffiċċju tad-destinazzjoni fi tmiem it-terminu li huwa stabbilixxa skont l-Artikolu 348(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni, l-uffiċċju ta' tluq għandu jikkunsidra li l-merkanzija ma ġietx ippreżentata hemmhekk.

77 Interpretazzjoni differenti tal-Artikolu 379(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni tneħħi kull effett mill-proċedura ta' demostrazzjoni tar-regolarità tal-operazzjoni ta' tranżitu msemmija fl-Artikolu 379(2).

78 Minn dan isegwi li l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' informazzjoni tal-uffiċċju ta' tluq fir-rigward tal-wasla tal-merkanzija fl-uffiċċju ta' destinazzjoni huma l-istess bħal dawk li jirriżultaw min-nuqqas ta' preżentazzjoni tal-kunsinna lill-uffiċċju ta' destinazzjoni. Tali interpretazzjoni hija konformi mal-għan li tiġi assigurata applikazzjoni diliġenti u uniformi, mill-awtoritajiet doganali, tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-irkupru tad-dejn doganali fl-interess ta' tqegħid għad-dispożizzjoni malajr tar-riżorsi proprji tal-Komunità (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-104/02, Ġabra p. I-2689, punt 69).

79 Għalhekk, fi tmiem it-terminu stabbilit mill-uffiċċju ta' tluq, huwa allegat li jinħoloq dejn doganali u l-prinċipal huwa meqjus li huwa d-debitur ta' dan id-dejn (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, punt 72, u Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, punt 81).

80 Għalhekk, għandu jiġi kkunsidrat li, f'dan l-istadju, teżisti preżunzjoni ta' dejn doganali. Kif indikat l-Avukat Ġenerali fil-punt 69 tal-konklużjonijiet tagħha, din hija preżunzjoni konfutabbli. Konsegwentement, jekk sussegwentament jirriżulta li l-operazzjoni ta' tranżitu saret b'mod regolari, il-prinċipal jista' jikseb ir-rimbors tal-ammonti li jkun ħallas (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 88).

81 L-Artikolu 379(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni jipprovdi li l-uffiċċju ta' tluq għandu, fin-nuqqas tal-preżentazzjoni tal-kunsinna lill-uffiċċju ta' destinazzjoni, jinnotifika lill-prinċipal "malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ qabel l-aħħar tal-11-il xahar wara d-data ta' reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' transitu Komunitarj[u]".

82 Madankollu, huwa paċifiku li dan ma kienx il-każ fil-kawża preżenti.

83 F'dan ir-rigward, il-fatt li ġie nvokat mir-Repubblika Taljana, li kien hemm perijodu ta' dewmien ġenerali meta ntbagħtu l-kopji tad-dokument T1 ddestinati għall-uffiċċju ta' tluq, ma jistax ikollu effett fuq l-obbligu ta' notifika li għandhom l-awtoritajiet doganali.

84 Peress li l-għan tal-Artikolu 379(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni huwa li jassigura applikazzjoni uniformi u diliġenti tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-irkupru tad-dejn doganali fl-interess ta' tqegħid għad-dispożizzjoni malajr u effettiv tar-riżorsi proprji tal-Komunità, in-notifika tal-ksur jew tal-irregolarità għandha, fi kwalunkwe każ, isseħħ kemm jista' jkun malajr, jiġifieri malli l-awtoritajiet doganali jsiru jafu bl-imsemmi ksur jew irregolarità, għalhekk, skont il-każ, ferm qabel l-iskadenza tat-terminu massimu ta' ħdax-il xahar stabbilit fl-imsemmi Artikolu (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-377/03, Ġabra p. I-9733, punt 69, u Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, C-312/04, Ġabra p. I-9923, punt 54).

85 Minn dan isegwi li l-awtoritajiet Taljani kellhom jinnotifikaw lill-prinċipal bl-irregolarità tal-operazzjonijiet ta' tranżitu inkwistjoni fit-termini previsti fl-Artikolu 379(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni, jiġifieri mhux aktar tard mill-iskadenza tal-ħdax-il xahar wara d-data tar-reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu Komunitarju.

86 Skont it-tielet sentenza tal-Artikolu 379(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni, l-Istati Membri huma marbuta li jagħtu bidu għall-proċedura ta' rkupru skont din id-dispożizzjoni, malli jiskadi terminu ta' tliet xhur b'effett mid-data tan-notifika stabbilita fl-Artikolu 379(1).

87 Fin-nuqqas ta' notifika lill-prinċipal, bħal fil-kawża preżenti, dan tal-aħħar ma jistax jiġi obbligat iħallas id-dejn doganali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' April 2008, Militzer & Münch, C-230/06, Ġabra p. I-1895, punt 39). Madankollu, għandu jiġi kkunsidrat li, fi tmiem dan it-terminu, jinħoloq dritt tal-Komunità fuq ir-riżorsi tagħha proprji. Tali interpretazzjoni hija neċessarja sa biex tiġi ggarantita applikazzjoni diliġenti u uniformi, mill-awtoritajiet kompetenti, tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-irkupru tad-dejn doganali fl-interess tat-tqegħid għad-dispożizzjoni effettiv u malajr tar-riżorsi proprji tal-Komunità (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 69).

88 Fil-kuntest tal-kunsinni koperti minn carnet TIR, huwa paċifiku ukoll li l-awtoritajiet doganali Taljani ma rċevew ebda dokument mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni rigward l-infurzar tal-operazzjonijiet ta' tranżitu inkwistjoni fi tmiem id-data tal-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-merkanzija li kienet ġiet stabbilita.

89 F'dawn il-kundizzjonijiet, huma kellhom iqisu, sakemm ikun hemm prova kuntrarja, li l-merkanzija ma kinitx ġiet ippreżentata fl-uffiċċju ta' destinazzjoni. Tali interpretazzjoni hija konformi mal-istruttura tal-Artikolu 455 tar-Regolament ta' implementazzjoni u hija kompatibbli mal-proċedura ta' demostrazzjoni tar-regolarità tal-operazzjoni ta' tranżitu msemmija fl-Artikolu 455(2).

90 Konsegwentement, għandu jiġi kkunsidrat li, f'dan l-istadju, teżisti preżunzjoni tad-dejn doganali. Bħal fil-każ ta' operazzjonijiet ta' tranżitu Komunitarju, il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' informazzjoni tal-uffiċċju tat-tluq fir-rigward tal-wasla tal-merkanzija fl-uffiċċju ta' destinazzjoni huma l-istess bħal dawk li jirriżultaw min-nuqqas ta' rilaxx tal-carnet TIR.

91 Mill-qari flimkien tal-Artikolu 455(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni u l-Artikolu 11(1) u (2) tal-Konvenzjoni TIR jirriżulta li, f'każ ta' nuqqas ta' rilaxx tal-carnet TIR, it-talba għall-ħlas tad-dejn doganali għandha ssir, bħala prinċipju, mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data tat-teħid tal-imsemmi carnet (sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, iċċitata iktar 'il fuq, punt 68).

92 Fin-nuqqas ta' notifika tal-irregolarità lill-proprjetarju tal-carnet TIR u lill-assoċjazzjoni li tiggarantixxi fit-terminu ta' sena b'effett mid-data tal- aċċettazzjoni tal-imsemmi carnet, l-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx id-dritt li jitolbu d-dejn doganali mill-assoċjazzjoni li tiggarantaxxi l-ħlas.

93 Minkejja l-fatt li l-awtoritajiet doganali Taljani ma nnotifikawx l-assoċjazzjoni ġaranti, għandu jiġi kkunsidrat li, fi tmiem it-terminu massimu ta' tliet snin b'effett mid-data tal-aċċettazzjoni tal-carnet TIR, jinħoloq dritt tal-Komunità fuq ir-riżorsi tagħha proprji, u dan sa biex tiġi ggarantita implementazzjoni diliġenti u uniformi, mill-awtoritajiet kompetenti, tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-irkupru tad-dejn doganali fl-interess tat-tqegħid għad-dispożizzjoni malajr u effettiv tar-riżorsi proprji tal-Komunità (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 69).

94 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li r-Repubblika Taljana kienet marbuta, skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 1552/89, li tikkonstata l-eżistenza ta' drittijiet Komunitarji fuq ir-riżorsi proprji u li ddaħħalhom fil-kontabbiltà tar-riżorsi proprji skont l-Artikolu 6(2)(a) ta' dan ir-regolament.

Fuq l-interessi moratorji

95 Għandu jiġi rrilevat li r-rikors preżenti huwa intiż biss għal ħlas tal-interessi moratorji skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 1552/89.

96 Huwa minnu li, skont dan l-Artikolu, kull dewmien fl-entrata fil-kontabbiltà previst fl-Artikolu 9(1) tal-imsemmi regolament, jagħti dritt għall-ħlas, mill-Istat Membru kkonċernat, ta' interessi moratorji applikabbli għall-perijodu ta' dewmien kollu. Dawn l-interessi għandhom jitħallsu indipendentement mir-raġuni tad-dewmien li għaliha dawn iddaħħlu fil-kontabbiltà tal-Kummissjoni (sentenza tal-14 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, iċċitata iktar 'il fuq, punt 91).

97 Skont il-Kummissjoni, din id-dispożizzjoni tapplika għal kull dewmien fl-entrata tar-riżorsi tagħha proprji fil-kontabbilità msemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1552/89, indipendentement mir-raġuni tad-dewmien u mingħajr ma huwa neċessarju li effettivament ikun hemm dannu pekunarju subit.

98 Madankollu, għandu jiġi rrilevat, l-ewwel nett, kif sostniet l-Avukat Ġenerali fil-punt 90 tal-konklużjonijiet tagħha, li skont il-parti l-kbira tas-sistemi legali tal-Istati Membri, l-interessi moratorji għandhom natura aċċessorja fir-rigward tal-obbligu prinċipali.

99 It-tieni nett, għandu jiġi enfasizzat li, mill-kliem tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 1552/89 ma jirriżultax b'mod ċar li l-interessi moratorji li huma previsti hemmhekk japplikaw għal sitwazzjonijiet minn fejn sussegwentement jirriżulta li l-obbligu prinċipali ma jeżistix. Madankollu, jekk il-leġiżlatur Komunitarju kien xtaq jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni ukoll fir-rigward ta' tali sitwazzjonijiet, huwa kien jipprovdi dan espliċitament fl-imsemmija dispożizzjoni, ħaġa li huwa m'għamilx.

100 It-tielet u l-aħħar nett, huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li, għalkemm żball imwettaq mill-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru għandu bħala effett li d-debitur ma jkollux iħallas l-ammont tad-dazji kkonċernati, dan ma jippreġudikax l-obbligu tal-Istat Membru kkonċernat li jħallas l-interessi moratorji kif ukoll id-dazji li kellhom jiġu kkonstatati, fil-kuntest tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tar-riżorsi tiegħu proprji (sentenza Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka, iċċitata iktar 'il fuq, punt 63).

101 Madankollu, il-kawża preżenti hija differenti minn dik li tat lok għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka, iċċitata iktar 'il fuq, peress illi sussegwentament irriżulta li l-kunsinni ġew ippreżentati fil-ħin lill-uffiċċju ta' destinazzjoni, b'mod li d-djun doganali saru ineżistenti. Għalhekk, huwa tabilħaqq id-dejn doganali li, kif jirriżulta mill-Artikolu 2(1)(b) tad-Deċiżjonijiet 88/376 et 94/728 huwa l-bażi tad-dritt tal-Komunitajiet fuq ir-riżorsi proprji.

102 Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi kkonstatat, li l-ineżistenza ta' djun doganali fil-kawża preżenti twassal għan-nuqqas ta' dritt tal-Kummissjoni għall-interessi moratorji skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 1552/89.

103 Konsegwentement, ir-rikors għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq l-ispejjeż

104 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-Kummissjoni tilfet, hemm lok li din tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mir-Repubblika Taljana.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem